**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 17 ta' Jannar, 2020**

**Talba Nru: 580/2018PM1**

**Frank Coppola (ID 1107744(M))**

**Vs**

**Timothy Pace Lupi (ID 533582(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Dicembru, 2018 permezz ta' liema l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' elfejn u tmien euro (€2008) rapprezentanti danni sofferti mill-istess attur fil-proprjeta` tieghu fl-indirizz 1, Wesghet D'Agostino Savelli, San Giljan u spejjez legali minnu maghmula kagun ta' xoghol ta' kostruzzjoni ezegwit mill-konvenut fil-fond li dak iz-zmien kien proprjeta` tieghu; bl-ispejjez kollha ta' dina l-kawza u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Sema x-xhieda tal-attur Frank Coppola waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu, 2019.

Ra n-nota b'diversi dokumenti annessi prezentata mill-attur waqt is-seduta tat-28 ta' Mejju, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Robert Piscopo u ta' George Pace waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju, 2019.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet rispettivi fir-rigward tal-punt koncernanti l-kontumacja o meno tal-konvenut.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal datat 11 t'Ottubru, 2019 li permezz tieghu, ghar-ragunijiet kollha hemmhekk moghtija, sab lill-konvenut kontumaci u ordna l-prosegwiment tal-kawza bl-ispejjez jigu rizervati ghall-gudizzju finali.

Ra li waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru, 2019 l-avukat tal-attur iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi x'tipproduci.

Ha konjizzjoni tax-xhieda u l-provi kollha prodotti mill-partijiet rispettivi.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet rispettivi.

Ra li l-kawza giet differita ghall-ghoti tas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawza odjerna tirrigwardja azzjoni ghall-hlas ta' danni allegatament sofferti mill-attur fil-proprjeta` tieghu bhala konsegwenza ta' dhul ta' ilma provejenti mill-fond adjacent waqt li dan tal-ahhar kien qed jigi zviluppat mill-konvenut. Permezz tas-digriet datat 11 t'Ottubru, 2019 dan it-Tribunal iddikjara lill-konvenut kontumaci.

Illi t-Tribunal ikkunsidra debitament is-sottomissjonijiet maghmulin mill-partijiet rispettivi. Permezz tas-sottomissjonijiet tieghu il-konvenut jikkontendi li, in vista tal-fatt

li l-kontumacja ghandha titqies bhala kontestazzjoni ghat-talba attrici, kien jispetta lill-attur jipprova il-htija jew in-negligenza tal-konvenut, in-ness ta' kawzalita` bejn tali htija jew negligenza u d-danni subiti minnu u wkoll joffri gustifikazzjoni tal-ispejjez allegati minnu. Huwa jikkontendi, fost ohrajn, li l-attur ma rnexxielux jipprova dawn l-aspetti tal-kaz fin-nuqqas ta' rapport peritali jew stima iffirmata.

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghall-art. 9(2)(b) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** li jipprovdi testwalment is-segwenti:

> "(It-Tribunal) *għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt lix-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqtal-każ li jkun qed jittratta.*"

L-istess artiklu 9 jkompli wkoll fis-subartklu (2)(c) billi jipprovdi wkoll li t-Tribunal ghandu "*jiddeżisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti sabiex jagħtu l-parir espert tagħhom*"

Dan allura jfisser li, tenut kont tan-natura estremanent sommarja li biha dawn il-proceduri huma intizi li jinstemghu u jigu decizi u wkoll tal-fatt li l-kriterju ewlieni tad-decizjoni ghandu jkun dejjem l-ekwita` (art.7 tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar**), it-Tribunal huwa dispensat minn formalita` li, fil-kuntest ta' tali proceduri tirrizulta ezagerata, dana purke` l-istess Tribunal ikollu bizzejjed provi quddiemu li huwa jikkunsidra veritiera ghar-rizoluzzjoni ekwitattiva tal-vertenza.

Fil-kaz in ezami xehed l-attur li spjega pjuttost fid-dettall ic-cirkostanzi partikulari tal-kaz. Huwa rrefera ghall-fond tieghu u ghall-fatt li l-konvenut huwa s-sid tal-fond ta' magenbu. Sostna illi kienu qed isiru xogholijiet f'dan l-ahhar fond liema xogholijiet wasslu sabiex tali fond jitwaqqa' u jerga' jinbena mill-gdid. Madanakollu meta kienet tinzel ix-xita kien jidhol hafna ilma ghandu minghand il-gar tieghu. Huwa jikkontendi li dan sar "*peress li huma min-naha taghhom ma ghamlux outlet minn fejn jista' johrog l-*

*ilma u fil-fatt saqfu b'mod catt*" (ara xhieda moghtija mill-attur fit-13 ta' Marzu, 2019). Jghid ukoll li l-problema tal-ilma kienet kbira tant li beda hiereg ilma minn kullimkien u saret ukoll hsara fl-ghamara. Intuza *tape* sabiex iwaqqaf dan l-ingress tal-ilma "*pero` dan l-ilma beda jsib minn posizzjonijiet ohrajn minn fejn jghaddi u jibqa' diehel ghall-proprjeta` taghna*". F'dan ir-rigward huwa ezebixxa diversi ritratti li jindikaw il-hsara sofferta fil-fond tieghu. Effettivament f'dawn ir-ritratti jidhru mhux biss l-irqajja tal-ilma imma wkoll it-*tape* li gie imwahhal mal-hajt kif spjega l-istess attur. Gew prezentati wkoll ritratti li juru l-izvilupp imwettaq mill-konvenut b'bricks minn fejn jirrizulta li, ghallinqas minn barra, dawn ma gewx imkahhlin u li thallew spazji pjuttost estensivi bejn certu bricks u ohrajn. Giet ezebita stima ta' €1888 ghal xoghol riparatorju li jinkludi caqliq ta' ghamara, tkahhil u zebgha bi trattament specjali kontra l-umdita` f'diversi kmamar tal-fond tal-attur. Huwa minnu li din l-stima m'hijiex iffirmata imma jirrizultaw cari minnha id-dettalji ta' min harigha (oltre d-dettalji tal-istess attur) inkluz ukoll dettalji bankarji. Giet prezentata wkoll ricevuta fiskali fir-riward ta' zewg ittri legali mibghutin lill-konvenut u li gew ukoll ezebiti. Da parti tieghu, fl-istadju tal-provi fejn il-konvenut kien ghadu qed jipprova jiggustifika l-kontumacja tieghu, missier l-istess konvenut xehed li "*fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li jien hallejt dawk it-tmintax-il jum jghaddu minghajr ma ghamilt xejn ghaliex sa dak iz-zmien jiena kont ghadni fiducjuz li ser jintlahaq arrangement amikevoli mas-Sur Coppola li dak iz-zmien kien marid.*"

Ghat-Tribunal is-surreferit huwa altru milli sufficjenti sabiex, almenu fuq bilanc ta' probabiltajiet, isib li l-attur irnexxielu jipprova l-kaz tieghu. Id-danni sofferti minnu jirrizultaw kemm mix-xhieda tieghu u kif ukoll mir-ritratti ezebiti. In-ness kawzali huwa evidenti kemm mix-xhieda tal-attur li jikkonferma li dawn il-hsarat graw meta sehhet ix-xita fiz-zmien meta kienu qed isiru x-xogholijiet da parti tal-konvenuti u li d-dhul tal-ilma kien wiehed pjuttost kospikwu oltre mir-ritratti ezebiti li juru mhux biss it-*tape* li sar fil-fond tal-attur f'tentattiv li jarginaw dan id-dhul ta' ilma imma wkoll ix-xoghol ta' zvilupp imwettaq mill-konvenut. Ma tressqet ebda prova u ma sar ebda accenn ghall-fatt li tali hsara setghet giet kawzata minn xi aspett iehor li m'huwiex relatat mal-mod illi bih

il-konvenut wettaq ix-xoghol ta’ zvilupp tieghu. Ghalkemm il-kontumacja tal-konvenut ghandha titqies bhala kontestazzjoni tal-kawza, kif gustament nutat fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-istess konvenut, ix-xhieda ta’ missier l-istess konvenut qatt ma kienet fis-sens li ibnu ma jahtix ghall-hsara imma sahansitra halla t-terminu ghar-risposta jghaddi peress illi kien tal-fehma li seta’ jintlahaq ftehim.

Illi dwar il-quantum tad-danni, it-Tribunal ma jara xejn li huwa eccessiv jew mhux in linea mal-hsara sofferta mill-attur – dana kemm fir-rigward tax-xogholijiet fil-fond tieghu u wkoll fir-rigward tal-ispejjez legali. Il-fatt illi giet prezentata stima u mhux ricevuta fir-rigward ta’ tali hsarat ma jfissirx li tali hsarat ma jezistux u li d-danni ma jistghux jew m’ghandhomx jigu likwidati fis-somma idoneja, pruvata tramite tali stima, intiza sabiex issewwiha.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elfejn u tmin euro (€2008) rapprezentanti danni sofferti mill-istess attur fil-proprjeta` tieghu u spejjez legali inkorsi minnu kagun ta’ xoghol ta’ kostruzzjoni ezegwit mill-konvenut bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitlub kontra l-istess konvenut.

**Av. Dr. Philip M. Magri**